MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CAROL PERALTA

Seduta ta' l-4 ta' Gunju, 2003

Numru 623/2002

**PULIZIJA**
**SPETTUR MARTHESE MICALLEF**

**VS**

**ABDULSALAM SALEM AHMED BEN HAMED**

**Illum 4 ta' Gunju 2003.**

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Abdulsalam Salem Ahmed Ben Hamed, k/a Abdislam, 29 sena, iben imwieled Tripoli,

Libya fis-6 ta' Jannar 1973 u li joqghod Kola Xara Street, Rabat, detentur ta' karta ta' l-identita' bin-numru 20548A;

Talli fit-8 ta' Gunju 2002, gewwa Had Dingli:

a) bil-hsieb li jikkommetti d-delitt ta' serq aggravat, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt, u cioe' billi kisser tieqa ta' vettura bin-numru CAK 814, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta' tieghu u li kieku sehh kien ikun kwalifikat bil-mezz, bil-valur li ma jeccedix l-elf lira maltin, u bix-xorta tal-haga misruqa;

b) talli fl-istess data, hin u cirkostanzi, volontarjament ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, ghad-detriment ta' Meli Rentals, liema hsara hi ta' aktar minn ghaxar liri Maltin, izda anqas minn hamsin lira maltin.

Wara illi rat l-Artikoli 261 et u 325 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ikkonsidrat:

Illi l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata ta' l-imputat, ma' thalli ebda alternattiva ohra lil din il-Qorti, hlief li ssib

lill-imsemmi imputat, hati ta’ l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu mill-Prosekuzzjoni.

Ghar-rigward tal-piena, din il-Qorti qeghda tikkundanna lill-istess imputat ghall-hlas ta’ mitejn lira maltin (Lm200) multat, kif ukoll

qeghda a tenur ta’ l-Artikolu 533, tikkundannah ihallas l-ispejjez peritali, u dan fiz-zmien tlett (3) xhur mil-lum.

Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputat.

--------------------------------TMIEM--------------------------------